MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009

Rikors Numru. 40/2009

**Clement Schembri, Brian Spiteri u Mario Spiteri**

**-vs-**

**Direttur tal-Qrati u Tribunali Ċivili, Avukat Ġenerali u Olive Gardens Investments Limited u San Lawrenz Leisure Resort Limited għal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Gunju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz tar-rikors promotur fl-ismijiet **"Olive Gardens Investments Limited et vs Clement Sehembri et"**, datat ħdax ta` Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (11.05.2004), is-soċjetajiet Olive Gardens Investments

Limited u San Lawrenz Leisure Resort Limited, wara li premettew (i) illi huma proprjetarji ta’ l-għalqa tal-kejl ta’ ċirka tlett elef tlett mija u tnejn u sebgħin metru kwadru (3372 m.k) jew kejl verjuri aktar eżatti magħrufa bħala ta’ Sant’ Agatha, Żurrieq; (ii) illi l-art tinsab f’idejn l-intimati b’titolu ta’ qbiela, liema qbiela titħallas fil-ħmistax (l5) ta’ Awissu ta` kull sena b’lura, *prossima* skadenza għalhekk ħmistax ta’ Awissu tas-sena elfejn u erbgħa (15.11.2004 *sic*) u (iii) illi huma jeħtieġu ir-raba’ *de quo*, liema raba’ m’huwiex raba’ saqwi, għall-kostruzzjoni fuqu ta’ bini għall-iskopijiet ikkontemplati mill-Artikolu 4(2) (b) tal-Kap 199 u fil-fatt diġa’ għandhom f’idejhom l-permessi neċessarji għall-kostruzzjoni msemmija mingħand l-Awtorita’ Kompetenti talbu illi l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba jogħġbu (i) jawtorizzahom jirriprendu pussess tar-raba’ kollu fuq imsemmi lokat lill-intimati u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat għal dan l-iskop u (ii) jillikwida kull kumpens li talvolta hu spettanti lill-intimati skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 4 tal-Kap 199 ;

2. Illi f’sentenza mogħtija fid-disgħa u għoxrin ta’ Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (29.10.2007), l-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’, wara li laqa’ t-talba tas-soċjetajiet rikorrenti u awtorizzahom jirriprendu r-raba’ magħruf bħala Ta’ Sant Agatha, Żurrieq, ordna lill-intimati, sabiex jiżgumbraw mill-art sal-ħmistax ta’ Awissu tas-sena elfejn u tmienja (15.08.2008) bil-kumpens ta’ mija u ħamsin lira Maltin (Lm150) (ekwivalenti għal tliet mija u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu tal-ewro (€349.41) lil Clement Sehembri u mingħajr kumpens fil-konfront ta’ Mario u Brian Spiteri;

3. Illi r-rikorrenti ħassewhom aggravati b’din is-sentenza u ntavolaw appell u permezz tas-sentenza mogħtija fis-sebgħa u għoxrin ta’ Novembru tas-sena elfejn u tmienja (27.11.2008) mill-Qorti tal-Appell (Każ Numru 13/2004/1) l-ismijiet **“Olive Gardens Investments Limited (E 16715) et -vs- Clement Schembri et”**, dik l-Onorabbli Qorti ċaħdet l-appell tar-rikorrenti odjerni, u kkonfermat s-sentenza tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kera tar-Raba’ datata disgħa u għoxrin ta’ Ottubru tas-sena

elfejn u sebgħa (29.10.2007), b'dan li awtorizzat lis-soċjetajiet rikorrenti u appellati jirriprendu r-raba' magħruf bħala Ta' Sant' Agatha, Żurrieq, u ordnat lill-intimati, r-rikorrenti odjerni sabiex jiżgumbraw mill-art sal-ħmistax ta' Awissu tas-sena elfejn u disgħa (15.08.2009) bil-kumpens ta' tliet mija u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€349.41) ekwivalenti għal mija u ħamsin lira Maltin (Lm150) lil Clement Schembri, u mingħajr kumpens fil-konfront ta' Mario u Brian Spiteri, bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-appell kontra l-intimati, jiġifieri r-rikorrenti odjerni;

4. Illi wieħed mill-aggravji prinċipali tar-rikorrenti fi stadju ta' appell, kien illi l-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' kiser il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, fosthom il-prinċipji ta' *audi alteram partem* u d-dritt ta' l-intimati għal smiegħ xieraq, meta fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (14.05.2007), iddiferixxa l-kawża għas-sentenza u b'digriet tal-erbgħa ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (04.07.2007) u ieħor tas-sebgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (27.09.2007), ċaħad it-talba tal-intimati għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-esponenti jkunu jistgħu jressqu l-provi tagħhom. Illi dan l-aggravju, flimkien mal-aggravji l-oħra ġew miċħuda mill-Onorabbli Qorti tal-Appell;

5. Illi l-esponenti umilment jissottemettu li l-prinċipji ta' *audi alteram partem* u d-dritt ta' l-intimati għal smiegħ xieraq salvagwardjat fl-Artikolu sitta (6) tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jiggarantixxi li l-kontro-parti għandha tingħata opportunita raġjonevoli li tippreżenta l-każ tagħha lill-Qorti taħt l-istess kundizzjonijiet, li ma jpoġġuhx fi żvantaġġ sostanzjali fil-konfront tal-parti l-oħra. L-esponenti jilmentaw illi dan il-prinċipju ma kienx ġie osservat mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' u dan kif ser jiġi spjegat f'dan ir-rikors;

Illi l-esponenti jilmentaw għall-mod kif huma kienu ġew trattati quddiem l-Ewwel Onorabbli Bord tal-Kera, b'mod

partikolari meta fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (14.05.2007), il-Bord kien iddiferixxa l-kawża għas-sentenza u b'digriet tal-erbgħa ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgħa (04.07.2007) u ieħor tas-sebgħa u għoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (27.09.2007) ċaħad it-talba tal-esponenti għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-intimati jkunu jistgħu jressqu l-provi tagħhom.

Illi kif ġie ritenut għal diversi drabi mill-Qrati tagħna, il-prinċipju ta' *'audi alteram partem'*, huwa prinċipju fundamentali mixħut fuq kull min ġie mogħni b'poter li jiddeċiedi. Illi dan il-prinċipju għaldaqstant jorbot ukoll lill-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', li huwa marbut li jagħti opportunita ġusta u raġjonevoli lill-kontro-parti sabiex jirrispondi l-każ li jkun infetaħ kontrih.

Illi huwa paċifiku li fil-gurisprudenza lokali **"Farrugia vs Wismayer"** – Onorabbli Qorti tal-Appell, 25 ta' Ġunju 1997, li d-dritt tas-smiegħ xieraq mogħti liż-żewġ partijiet f'kawża irid jingħata fit-termini tar-regoli tal-liġijiet proċedurali. Illi fil-każ **"Pantalleresco vs Starbrite Cleaners"** – Onorabbli Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, 12 ta' Mejju 2003, ġie ritenut illi mhux nuqqas ta' Qorti, li tgħaddi għas-sentenza meta l-konvenut wera non-kuranza u ma deherx biex iressaq il-provi. Illi filwaqt illi dan huwa punt li ma huwa bl-ebda mod kontestat, l-esponenti jirrelevaw illi fil-każ suċitat, l-intimat lanqas biss kien attenda għas-seduta u lanqas ma preżenta risposta u dan minkejja li huwa kien notifikat bit-talba kif ukoll bl-avviż tas-smiegħ. Illi di fatti, il-Qorti kienet osservat li dan l-intimat kien għamlu volutament u bla ebda raġuni jew skużanti aċċettabbli. Irriżulta wkoll li huwa lanqas indenja ruħu li jivverifika x'ġara u baqa' passiv meta rċieva avviż li l-każ kien ser jiġi finalment deċiż f'data partikolari. Illi dan il-każ *di piu*, kellu *di piu* l-kofininanti ta' dak dettat r-regola li l-arbitru f'każ ta' Tribunal għall-Talbiet tal-Konsumaturi, *"għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun b'mod raġjonevoli possibbli, jinqata' fl-istess·jum tas-smiegħ tiegħu."*

Illi l-esponenti jissottomettu umilment, illi kuntrarjament għall-każ fuq ċitat, huma kienu ssollevaw il-kontestazzjonijiet tagħhom, permezz ta' żewġ rikorsi quddiem l-istess Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' u dan immedjatament wara li ġew infurmati li l-kawża tħalliet għas-sentenza. Illi għaldaqstant l-esponenti qanqlu dawn il-kontestazzjonijiet b'difiża *a tempo debito* sabiex dawn setgħu jiġu konsiderati immedjatament u deċiżi, u *nonostante* dan it-talba tagħhom xorta ġiet miċħuda. Illi għaldaqstant l-esponenti ma kienux qanqlu l-kontestazzjonijiet tagħhom għall-ewwel darba fi stadju ta' appell, iżda anki quddiem l-Onorabbli Bord.

Illi huwa ritenut illi sabiex waħda mill-partijiet tirrivendika d-dritt ta' smiegħ xieraq, li hi tillanja li ġie miċħud lilha, jeħtieġ li l-istess parti tipprova li hija sofriet il-privazzjoni nġustament, jigifieri mhux b'xi ħtija addobitabbli lilha.

Illi s-soċjetajiet rikorrenti kienu ngħataw għaxar seduti sħaħ sabiex iressqu l-provi tagħhom, u ma kienu ressqu ebda provi fi tliet seduti minnhom. Illi *nonostante* dan, l-esponenti fl-ebda stadju ma talbu lill-Bord sabiex jiddikjara l-provi tal-istess magħluqa. Illi min-naħa tagħhom madanakollu s-soċjetajiet rikorrenti, illum intimati, fis-seduta tal-erbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgħa (14.05.2007) talbu lill-Onorabbli Bord sabiex il-kawża titħalla għas-sentenza, liema talba ġiet akkolta mill-Bord. Illi konsegwentement, l-esponenti ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom li jressqu l-provi akkurati li kienu għamlu sabiex isostnu d-difiza tagħhom.

Illi n-nuqqas ta' produzzjoni ta' provi da parti tal-esponenti, preġudikat materjalment is-smiegħ xieraq tal-kawża, u dan għar-raġuni li l-esponenti għamlu riċerki dettaljati li juru l-provenjenza tal-art in kwistjoni. Illi għaldaqstant, in-nuqqas ta' produzzjoni ta' tali provi poġġiet lill-esponenti fi żvantaġġ tant kbir, li kkawżatilhom preġudizzju reali u serju għad-drittijiet tagħhom.

Illi l-esponenti jissottomettu umilment li ma għandhomx jiġu applikati regoli riġidi u rigorużi fir-rigward ta' meta l-prinċipji ta' ġustizzja naturali għandhom japplikaw, u

lanqas għall-iskop u estensjoni tagħhom. Illi huma jirrilevaw għalhekk, illi għandu jkun hemm ċerta flessibbilta' li tiddependi wkoll fuq il-każ partikolari. Illi l-awturi Wade & Forsyth (Administrative Law, Eight Edition, Oxford University Press, 2000, p. 493) meta jitkellmu fuq il-flessibbilta' jikkwotaw il-kawża **"Russell vs Duke of Norfolk"** (1949) 1 All ER 109 at 118 (Tucker LJ), fejn kien ġie ritenut illi r-rekwiżiti tal-ġustizzja naturali għandhom jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ, in-natura ta' l-inkjesta, ir-regoli li taħthom it-Tribunal qiegħed jopera u s-suġġett in kwistjoni fost l-oħrajn.

Illi l-esponenti jirrelevaw illi ir-rekwiziti tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għandhom jiddependu wkoll fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Illi fil-każ in eżami, kien hemm ċirkostanzi partikolari li jimmeritaw attenzjoni. Illi fosthom hemm il-fatt illi l-esponenti u d-difensuri tagħhom kienu preżenti għas-seduti kollha, u kienu bdew jressqu l-provi tagħhom mal-ewwel fis-seduta tal-erbgħa ta` Diċembru tas-sena elfejn u sitta (04.12.2006), jiġifieri mal-ewwel opportunita li ngħataw. Illi l-esponenti madanakollu jirrilevaw illi s-seduta tal-ħamsa ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (05.02.2007) ġiet differita għar-raġuni li kien sejjer jinħatar ġudikant ġdid, u li għaldaqstant l-Onorabbli Bord għamel perjodu wieqaf.

Illi dan, madanakollu, l-esponenti ma humiex qed jikkontendu li jkun hemm standard varju ta' ġustizzja proċedurali, iżda li l-applikazzjoni tal-prinċipji, li huma kostanti, neċessarjament tvarja skond is-sitwazzjonijiet li fihom huma nvokati, u dan bħalma ġie ritenut fil-kawża **"R. v. Home Secretary ex p. Moon"** (1996) 8 Admin. LR 477 at 480.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li ċ-ċaħda da parti ta' l-Onorabbli Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri li jammetti l-provi tal-esponenti ntiżi biex jirribattu l-provi ammessi, kif konfermata permezz tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju ta' smiegħ xieraq skond l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll

l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tagħtih dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tiddikjara li tali provi jiġu amessi a bażi tal-prinċipju *audi alteram partem* u d-dritt tal-intimati għall-smiegħ xieraq.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-intimat l-Avukat Ġenerali, ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari*, ir-rikors promutur huwa wieħed frivolu u vessatorju *stante* li mhux għajr appell mid-deċiżjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet **"Olive Gardens Investments Limited (A 16715)"** u **"San Lawrenz Leisure Resort Limited (A 12841) vs Clement Schembri, Brian Spiteri u Mario Spiteri"** mogħtija fis-27 ta` Novembru, 2008. Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza lokali, din il-Qorti kif adita mhiex Qorti ta` reviżjoni, u dan peress li mhix il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sew jew le iżda biss jekk tali deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma indondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikkorrenti hekk kif sanċiti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi r-rikorrenti ngħataw kull opportunita' mill-Onorabbli Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' biex jippreżentaw id-difiża tagħhom u jargumentaw il-każ tagħhom u dan kif anki ddikjarat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha. Il-prinċipji ta' ġustizzja naturali kollha ġew segwiti u applikati skrupolożament.

Ir-rikorrenti ma jistgħux jippretendu li jieħdu vantaġġ min-nuqqas tagħhom li jsegwu l-każ u li jottemperaw ruħhom mar-regoli tal-proċedura ċivili billi issa meta prattikament

wasal iż-żmien biex jiżgumbraw mir-raba' li kienet mertu ta' din il-vertenza jippreżentaw dan ir-rikors b'allegazzjoni li ġie leż id-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq.

3. Illi l-esponent jirrileva li *stante* li l-mertu ta' dan ir-rikors diġa' ġie ampjament trattat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna l-allegazzjoni ta' l-atti proċesswali fl-Appell fl-ismijiet **"Olive Gardens Investments Limited (A 16715) et v Clement Schembri et"** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2008;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tċħhad dan ir-rikors tar-rikorrenti bħala wieħed frivolu u vessatorju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-intimati Olive Gardens Investments Limited u San Lawzenz Leisure Resort Limited, ippreżentata fis-6 ta' Lulju 2009 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija waħda purament frivola u vessatorja.

2. Illi mhuwiex minnu li l-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' naqas milli japplika fil-konfront tar-rikorrenti l-prinċipju ta' l-*audi alteram partem* jew li ġie negat lilhom id-dritt għal smiegħ xieraq.

3. Illi r-rikorrenti diġa ssollevaw dan l-ilment fir-rikors tal-appell tagħhom mid-deċiżjoni tal-imsemmi Bord; liema aggravju ġie respint mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

4. Fil-verita r-rikorrenti, kemm fl-imsemmi appell tagħhom kif ukoll fil-kawża odjerna, qegħdin ikunu ferm inġusti mal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. Dan għaliex kemm huma kif ukoll id-difensur tagħhom naqsu milli jidhru għal żewġ seduti konsekuttivi. Fit-tieni okkażjoni, meta ħadd min-naħa tar-rikorrenti odjern ma deher, il-Bord ġustament ħalla l-kawża għas-sentenza.

5. L-imsemmija żewġ seduti konsekuttivi li fihom ħadd min-naħa tar-rikorrenti ma deher kienu dawk tat-23 ta' April 2007; u tal-14 ta' Mejju 2007.

6. Fir-rikors tal-appell tagħhom mis-sentenza tal-Bord ir-rikorrenti ġabu s-segwenti skużi: li d-difensur tagħhom (Dr Anthony Ellul) ġie elevat għall-Maġistratura, li fis-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2007 l-avukat il-ġdid tagħhom kien indispost, li l-kumpaniji esponenti *"damu sentejn u nofs biex jagħlqu l-provi tagħhom"* u li *"l-Bord ma mexiex bl-istess mod maż-żewġ partijiet".*

7. Fil-fatt Dr Ellul laħaq Maġistrat f'Jannar 2007 u ċioé aktar minn tlett xhur qabel l-ewwel miż-żewġ seduti *de quo*, dik tat-23 ta' April 2007; seduti kien hemm tnejn u ċioé fit-23 ta' April 2007 u fl-14 ta' Mejju 2007 u fihom mhux biss ma deherx l-avukat difensur il-ġdid tar-rikorrenti odjerni, imma lanqas biss deher imqar wieħed mir-rikorrenti. Il-kawża hija tal-partijiet u mhux tad-difensur tagħhom u ma nġabet l-ebda raġuni 'l għala l-ebda wieħed mit-tlett rikorrenti ma deher la għas-seduta tat-23 ta' April 2007, u lanqas għas-seduta ta' l-14 ta' Mejju 2007. Mhuwiex minnu li l-kumpaniji esponenti damu sentejn u nofs biex jagħlqu l-provi tagħhom. L-ewwel seduta effettiva kienet fil-31 ta' Jannar 2005 u l-provi attriċi ġew magħluqa fil-25 ta' Settembru 2006 - f'anqas minn sena u tmien xhur, li hu perjodu ferm raġonevoli għal Malta. *Di piu* l-kumpaniji esponenti kienu rappreżentati f'kull seduta miżmuma mill-Bord.

8. Kien biss meta ħadd ma deher min-naħa tar-rikorrenti għal darbtejn konsekuttivi illi l-kawża ġustament tħalliet għas-sentenza mill-Bord.

9. Skond l-artikolu 201 tal-Kap 12, *"Jekk il-konvenut jew l-avukat tiegħu, jew, fil-kawżi quddiem il-Qrati inferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur·legali tiegħu, jonqos li jidher, il-kawża tista' tiġi maqtugħa skond il-liġi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegħ ta' dik ix-xhieda li l-Qorti tista' tqis li tkun meħtieġa, għad li huwa ma jkunx deher."*

10. Fil-każ odjern it-tlett intimati u d-difensuri tagħhom ma dehrux mhux darba imma darbtejn u dan konsekuttivament.

11. Illi għalhekk hija ferm inġusta l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti odjerni li huma ġew mċaħħda li jiġu mismugħa mill-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' jew li l-imsemmi Bord innegalhom id-dritt fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq.

12. Illi fit-tieni paragrafu tal-paġna 6 tar-rikors tagħhom ir-rikorrenti jgħidu: *"... illi l-esponenti u d-difensuri tagħhom kienu preżenti għas-seduti kollha ..."* Dan mhuwiex minnu, għaliex, kif intqal aktar 'il fuq, ħadd min-naħa tagħhom ma deher għas-seduti tat-23 ta' April 2007 u ta' l-14 ta' Mejju 2007.

l3. Illi jekk ir-rikorrenti jħossu li ma semmgħux leħinhom biżżejjed quddiem il-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', it-tort hu kollu tagħhom. Opportunita kellhom. Fil-fatt ngħatatilhom opportunita aktar minn dak li jipprovdi l-artikolu 201 tal Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili fuq ċitat.

14. Il-verita hi li l-proċeduri odjerni m'huma xejn inqas minn attentat abbusiv da parti tar-rikorrenti sabiex itawwlu kemm jista' jkun it-twettiq ta' l-ordni leġittima ta' żgumbrament fil-konfront tagħhom.

Rat l-atti proċesswali;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi din l-eċċezzjoni hija fis-sens illi ir-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju għaliex fil-fatt huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell u li għaddiet in ġudikat; proċedura li s-sistema legali tagħna ma tippermettix.

Il-Qorti tħoss li għandha tagħmel xi osservazzjonijiet rilevanti għal din il-kawża li jistgħu ma japplikawx għal kawżi oħra. L-ewwelnett din hija kawża dwar materja purament ċivili. It-tieni r-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħtija fis-27 ta’ Novembru 2007. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat din is-sentenza fid-29 ta’ Ottubru 2008. Ma saritx talba għal smigħ mill-ġdid tagħha (ritrattazjoni).

Il-Qorti eżaminat fil-fond ir-rikors promotur u ssib li l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li l-Bord imsemmi ma tahomx smiegħ xieraq; jirriżulta pero’ mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (li l-Qorti eżaminat fuq inizjattiva tagħha għaliex ma ġietx esebita!) li dan kien wieħed mill-aggravji tagħhom. Dan l-aggravju bħal oħrajn, ġie miċħud mill-Qorti tal-Appell. Għalhekk ma hemm xejn x’wieħed iżid. L-iskop evidenti tar-rikorrenti huma li jiftħu mill-ġdid kwistjoni li ġiet deċiża u għaddiet in ġudikat. Infatti t-talba tagħhom hija biex jiġu mogħtija ċ-ċans iressqu l-provi tagħhom – u allura dikjarati ma jiswewx is-sentenzi tal-Bord u tal-Appell u li huma jerġgħu jitqegħdu fil-pożizzjoni li kienu qabel ma ġew deċiżi l-kawżi – fi kliem ieħor terġa’ tinstema’ l-kawża mill-ġdid!

Il-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti qed jirrikorru għal dan l-espedjent sempliċement għaliex ma jridu bl-ebda mod joqogħdu għas-sentenza finali u qed jerġgħu jippruvaw jibdewha mill-ġdid. Dan imur għal kollox kontra l-ordni pubbliku għaliex ma jistax ikun il-kawżi jiġu perpetwati b’dan il-mod. Il-kunċett tar-***res judicata*** huwa infatti ta’ ordni u interess pubbliku – iħares iċ-ċertezzi tad-drittjiet li ġew definiti b’sentenza, ibiegħed il-possibbilta’ ta’ sentenzi ma jaqblux jew imorru kontra xulxin u jagħlaq il-bieb għall-kwistjonijiet li jkunu ġew stabbiliti b’sentenza – (**“Galea vs Falzon” -** Prim Awla – 7 ta’ Frar 2002).

*"Sentenza li għaddiet in ġudikat ma tistax tiġi attakkata b'nullita' fuq bażi ta' xi difett proċedurali fl-otteniment tagħha. Jekk dik is-sentenza la tiġi appellata u lanqas ritrattata tgħaddi in ġudikat b'mod li ma tkunx iżjed tiġi attakkata u hija irrevokabbli.*

*Meta l-imsemmija sentenza għal raġunijiet li jafhom l-appellant la tiġi appellata u lanqas intalbet ritrattazzjoni tagħha u llum skada kull żmien għal ritrattazzjoni hija assumiet karattru ta' veraċita' billi għaddiet irrimedjabbilment in ġudikat u llum ma hawnx rimedju legali biex il-konklużjoni mertu ta' dik is-sentenza tinfetaħ mill-ġdid.* **("Alfred Caruana vs Angelo Caruana"** – Appell Ċivili, 6 ta' Marzu 1991).

Il-Qorti tifhem li quddiemha proprjament m'għandhiex eċċezzjoni tar-***res judicata*** iżda qed tagħmel din l-analiżi biex turi l-perikolożita' ta' ftuħ mill-ġdid ta' proċeduri ċivili li jkunu ġia' ngħalqu. Jekk it-talba tar-rikorrenti tiġi aċċettata hemm il-periklu ċar li ebda sentenza ma jkollha ċ-ċertezza tal-ġudikat.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti; l-ispejjeż jitħallsu kollha mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------